31993R1756

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1756/93

tat-30 ta' Ġunju 1993

li jiffissa l-eventi operattivi għar-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli għall-ħalib u prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità ta' kont u r-rati ta' konverżjoni li għandhom jiġu applikati għall-iskopijiet tal-politika agrikola komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3813/92 jintroduċi arranġamenti agrimonetarji ġodda mill-1 ta' Jannar 1993; billi, taħt dawn l-arranġamenti, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/93 tat-30 ta' April 1993 dwar regoli dettaljati għad-determinazzjoni u l-applikazzjoni tar-rati ta' konverżjoni agrikoli [2] li jistabbilixxi l-eventi operattivi għar-rati ta' konverżjoni agrikoli applikabbli wara l-miżuri transitorji previsti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3820/92 [3] mingħajr preġudizzju għal xi regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti għas-setturi konċernati u skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92; billi, għalhekk, huwa appropriat li jiġu ffissati l-eventi operattivi speċifiċi għar-rati ta' konverżjoni agrikoli applikabbli wara l-miżuri transitorji previsti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3820/92 fis-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib mingħajr preġudizzju għall-possibbiltajiet ta' l-iffissar bil-quddiem previsti fl-Artikoli 13 sa 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93;

Billi l-kriterji prinċipali li għandhom jiġu osservati għall-iffissar ta' l-eventi operattivi huma, l-ewwel nett, li tintlaħaq il-mira ekonomika ta' l-operazzjoni ikkonċernata u t-tieni, il-ħtieġa li jiġu pprevenuti distorzjonijiet ta' kompetizzjoni u disturb fis-suq; billi huwa possibbli, għalhekk, li jiġu ffissati eventi operattivi li jistabbilizzaw ir-rati ta' konverżjoni agrikoli għal għajnuniet ta' rata uniformi u l-ammonti li jeffettwaw direttament lill-produtturi tal-ħalib li m'għandhomx impatt dirett fuq il-prezz tas-suq;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93 għandhom jiġu appikati għall-prezzijiet tax-xiri u bejgħ applikabbli għall-ħalib u prodotti tal-ħalib;

Billi l-event operattiv għandu jiġi ffissat bħala l-ewwel jum tax-xahar li fih jitwettaq l-ewwel kontroll li jiggarantixxi l-użu ppjanat ta' prodotti li għalihom tingħata għajnuna speċifika għall-użu jew l-ipproċessar tagħhom skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93;

Billi l-event operattiv imsemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93 għandu jiġi applikat għall-għajnuna għal ħażna privata;

Billi l-event operattiv għal titoli għandu jiġi ffissat bħala l-jum li fih jiġi ppreżentat it-titolu skond l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93;

Billi ċerti definizzjonijiet għandhom jitħejjew sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni uniformi għall-eventi operattivi stabbiliti;

Billi għandhom jittieħdu passi sabiex iħassru jew jemendaw, mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kull dispożizzjoni eżistenti dwar id-determinazzjoni tar-rati ta' konverżjoni applikabbli għall-ħalib u prodotti tal-ħalib, u b'mod partikolari:

— it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1107/68 tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 1968 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' intervent fis suq f'ġobnijiet Grana Padano u Parmigiano-Reggiano [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1526/90 [5],

— it-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(2) u l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (KEE) Nru 685/69 tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' April 1969 dwar regoli dettaljati għal-applikazzjoni ta' intervent fis suq tal-butir u l-krema [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 419/93 [7],

— L-Artikoli 3a (3) u 4b tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2315/76 ta' l-24 ta' Settembru 1976 dwar il-bejgħ ta' butir minn ħażniet pubbliċi [8], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3774/92 [9],

— L-Artikolu 9a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 368/77 tat-23 ta' Frar 1977 dwar il-bejgħ b' offerta ta' trab tal-ħalib xkumat għall-użu fl-għalf tal-majjali u t-tjur [10], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 222/88 [11],

[1] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[2] ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 106.
[3] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 22.
[4] ĠU L 184, tad-29.7.1968, p. 29.
[5] ĠU L 144, tas-7.6.1990, p. 17.
[6] ĠU L 90, tal-15.4.1969, p. 12.
[7] ĠU L 48, tas-26.2.1993, p. 11.
[8] ĠU L 261, tal25.9.1976, p. 12.
[9] ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 48.
[10] ĠU L 52, ta' l-24.2.1977, p. 19.
[11] ĠU L 28, ta' l-1.2.1988, p. 1.

— L-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1844/77 ta' l-10 ta' Awwissu 1977 dwar l-għoti bl-offerta ta' għajnuna speċjali għal trab tal-ħalib xkumat maħsub bħala għalf għall-annimali barra minn għoġġiela żgħar [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 222/88,

— It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2496/78 tas-26 ta' Ottubru 1978 dwar regoli dettaljati għall-għoti ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ġobon Provolone [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1063/93 [3],

— L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81 tal-31 ta' Lulju 1981 dwar l-għoti ta' għajnuna għax-xiri ta' burtir minn istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1497/91 [5],

— L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2192/81 tal-31 ta' Lulju 1981 dwar l-għoti ta' għajnuna għax-xiri ta' butir mill-armati u forzi simili ta' l-Istati Membri [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1699/89 [7],

— L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2167/83 tat-28 ta' Lulju 1983 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-provvista tal-ħalib u ċerti prodotti tal-ħalib għat-tfal ta' l-iskola [8], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 706/92 [9],

— L-Artikolu 2a (10) u l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3143/85 tal-11 ta' Novembru 1985 dwar il-bejgħ bi prezzijiet imraħħsa ta' butir ta' intervent maħsub għall-konsum dirett fil-forma ta' butir ikkonċentrat [10], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3774/92 [11],

— L-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2409/86 tat-30 ta' Lulju 1986 dwar il-bejgħ ta' butir ta' intervent maħsub għall-inkorporazzjoni f'għalf kompost [12], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2724/88 [13],

— It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1362/87 tat-18 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 777/87 dwar ix-xiri u l-għoti ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' trab tal-ħalib xkumat [14], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3493/88 [15],

— L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1589/87 tal-15 ta' Ġunju 1987 dwar il-bejgħ bl-offerta ta' butir lill-aġenziji ta' intervent [16], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3591/92 [17],

— L-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 570/88 tas-16 ta' Frar 1988 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezzijiet imnaqqsa u l-għoti ta' għajnuna għall-krema, butir u butir ikkonċentrat għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti ta' l-għaġina, ġelat u ikel ieħor [18], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3774/92,

— L-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 429/90 ta' l-20 ta' Frar 1990 dwar l-għoti b'invit għall-offerta ta' għajnuna għall-butir ikkonċentrat maħsub għall-konsum dirett fil-Komunità [19], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3774/92,

— L-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2921/90 ta' l-10 ta' Ottubru 1990 dwar l-għajnuna għall-produzzjoni ta' kaseina u kaseinati minn ħalib xkumat [20], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 140/93 [21],

— L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1158/91 tat-3 ta' Mejju 1991 dwar ix-xiri b' offerta ta' trab tal-ħalib xkumat lil aġenziji ta' intervent [22],

— L-Artikoli 7(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3378/91 ta' l-20 ta' Novembru 1991 li jistabbilixxi regoli dettaljati għal-bejgħ ta' butir minn ħażniet ta' intervent għall-esportazzjoni u jemenda r-Regolament (KEE) Nru 569/88 [23], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 227/93 [24],

— L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3398/91 ta' l-20 ta' Novembru 1991 dwar il-bejgħ bl-invit għall-offerta ta' trab tal-ħalib xkumat għall-fabbrikazzjoni ta' għalf kompost u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 569/88 [25], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3774/92,

[1] ĠU L 205, tal-11.8.1977, p. 11.
[2] ĠU L 300, tas-27.10.1978, p. 24.
[3] ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 91.
[4] ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 20.
[5] ĠU L 140, ta' l-4.6.1991, p. 19.
[6] ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 24.
[7] ĠU L 166, tas-16.6.1989, p. 22.
[8] ĠU L 206, tat-30.7.1983, p. 75.
[9] ĠU L 75, tal-21.3.1993, p. 31.
[10] ĠU L 298, tat-12.11.1985, p. 9.
[11] ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 48.
[12] ĠU L 208, tal-31.7.1986, p. 29.
[13] ĠU L 241, ta' l-1.9.1988, p. 97.
[14] ĠU L 129, tad-19.5.1987, p. 9.
[15] ĠU L 306, tal-11.11.1988, p. 22.
[16] ĠU L 146, tas-6.6.1987, p. 27.
[17] ĠU L 364, tat-12.12.1992, p. 47.
[18] ĠU L 55, ta' l-1.3.1988, p. 31.
[19] ĠU L 45, tal-21.2.1990, p. 8.
[20] ĠU L 279, tal-11.10.1990, p. 22.
[21] ĠU L 19, tat-28.1.1993, p. 15.
[22] ĠU L 112, ta' l-4.5.1991, p. 65.
[23] ĠU L 319, tal-21.11.1991, p. 40.
[24] ĠU L 27, ta' l-4.2.1993, p. 15.
[25] ĠU L 320, ta' l-20.11.1991, p. 16.

— L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2174/92 tat-30 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jirregolaw l-għoti ta' għajnuna għall-ħażna privata għal ġobon Sao Jorge u Ilha [1],

— L-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2233/92 tal-31 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-aġġju speċifiku għall-manutenzjoni ta' merħliet tal-ħalib fl-Azores [2],

— L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2234/92 tal-31 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' għajnuna għall-konsum ta' prodotti ta' ħalib frisk fil-Madeira [3],

— L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2235/92 tal-31 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-għajnuna għall-konsum ta' prodotti ta' ħalib frisk fil-Gżejjer Kanarji [4],

— L-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 536/93 tad-9 ta' Marzu 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' imposta addizzjonali fuq ħalib u prodotti tal-ħalib [5],

— L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1004/93 tat-28 ta' April 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti ta' għajnuna għall-ħażna privata għal ġobnijiet li jżommu fit-tul [6],

— L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1168/93 tat-13 ta' Mejju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jirregolaw l-għoti ta' għajnuna għall-ħażna privata għall-ġobon Pecorino Romano [7],

— L-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1089/93 ta' l-4 ta' Mejju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jirregolaw l-għoti ta' għajnuna għal ħażna privata ta' ġobnijiet Kefalotyri u Kasseri [8];

Billi l-Kumitat Amministrattiv għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib ma tax opinjoni fiż-żmien iffissat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata għall-ammonti ffissati bħala parti tal-miżuri biex jgħinu l-ħażna privata tal-ħalib u prodotti tal-ħalib għandha tkun dik li tapplika fl-ewwel jum tal-ħażna taħt kuntratt.

2. Ir-rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata għat-titoli għandha tkun dik applikabbli fil-jum meta jiġi stabbilit it-titolu.

Madankollu, r-rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata għat-titoli msemmija:

— fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 585/93 [9] għandha tkun dik li tapplika fl-14 ta' April 1993,

— fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 619/93 [10] għandha tkun dik li tapplika fil-15 ta' Mejju 1993.

3. Ir-rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tapplika għall-prezzijiet u l-ammonti l-oħra applikabbli għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għandha tkun kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1. tieħu over

   (a) fl-intervent ifisser

      — id-data li fiha l-ewwel lott tal-kwantità totali ta' l-offerta aċċettata jidħol fil-maħżen ta' l-aġenzija ta' intervent fil-każ ta' trasferiment fiżiku,

      — id-data ta' l-aċċettazzjoni ta' l-offerta fil-każijiet l-oħra,

   (b) ta' prodotti mibjugħa minn intervent ifisser

      — id-data li fiha l-prodott in kwistjoni jħalli l-maħżen ta' l-aġenzija ta' intervent fil-każ ta' trasferiment fiżiku,

      — id-data tal-ħruġ jew ta' l-ordni ta' kunsinna mill-aġenzija kompetenti ta' intervent fil-każijiet l-oħra.

   Meta l-operazzjoni ta-teħid *over* imsemmija fl-ewwel inċiż tal-punt (b) tikkonċerna aktar minn lott wieħed, ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli għall-ewwel lott għandha tibqa' tapplika għall-kwantità totali ta' l-operazzjoni in kwistjoni bil-kondizzjoni li l-ewwel lott jirrappreżenta 20 % jew aktar tal-kwantità totali msemmija;

2. Aċċettazzjoni ta' l-offerta tfisser id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-offerti;

3. Ħlasijiet tfisser li jintbagħat l-ordni għall-ħlas mid-debitur.

   Meta l-ammont totali ta' l-operazzjoni in kwistjoni jitħallas bin-nifs, ir-rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata għall-ewwel ħlas għandha tibqa' tapplika għall-ammont totali li għandu jitħallas bil-kondizzjoni li l-ewwel ħlas ikun jirrappreżenta 20 % jew aktar ta' l-imsemmi ammont totali.

[1] ĠU L 217, tal-31.7.1992, p. 64.
[2] ĠU L 218, ta' l-1.8.1992, p. 100.
[3] ĠU L 218, ta' l-1.8.1992, p. 102.
[4] ĠU L 218, ta' l-1.8.1992, p. 105.
[5] ĠU L 57, ta' l-10.3.1993, p. 12.
[6] ĠU L 104, tad-29.4.1993, p. 31.
[7] ĠU L 118, ta' l-14.5.1993, p. 19.
[8] ĠU L 111, tal-5.5.1993, p. 6.
[9] ĠU L 61, tat-13.3.1993, p. 26.
[10] ĠU L 66, tat-18.3.1993, p. 24.

Artikolu 3

1. Id-dispożizzjoni li ġejja hija hawnhekk imħassra:

— it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1107/68,

— it-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(2) u l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (KEE) Nru 685/69,

— L-Artikoli 3a (3) u 4b tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2315/76,

— L-Artikolu 9a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 368/77,

— L-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1844/77,

— it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2496/78,

— L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81,

— L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2192/81,

— L-Artikolu 2a (10) u l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3143/85,

— L-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2409/86,

— it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1362/87,

— L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1589/87,

— L-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 570/88,

— L-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 429/90,

— L-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2921/90,

— L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1158/91,

— L-Artikolu 7(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3378/91,

— L-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 3398/91,

— l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2174/92,

— l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2234/92,

— l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2235/92,

— l-aħħar sentanza ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1004/93,

— L-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1168/93,

— L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1089/93.

2. L-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2233/92 huwa hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' għajnuna għal kull baqra għandu jkun ta' ECU 80,"

3. L-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KEE) Nru 536/93 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-prezz mira għandu jkun dak li japplika fl-aħħar jum tal-perijodu ta' 12-il xahar konċernat".

4. Fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2167/83 il-kliem 'jew fil-munita nazzjonali' huma mħassra.

Artikolu 4

Dan ir- Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi-l tà Lulju 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fi-t-30 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Ir-Regolament	L-Ammonti kkonċernati	Ir-Rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata
	PARTI A: AMMONTI APPLIKABBLI GHALL-PRODUTTURI TAL-*ĦALIB*	
1. (KEE) Nru 3950/92	L-imposta addizzjonali msemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-aħħar jum tal-perjodu ta' 12-il xahar ikkonċernat
2. (KEE) Nru 2233/92	L-aġġju annwali speċifiku għall-manutenzjoni ta' merħliet tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 1(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar kalendarju li fih tiġi sottomessa l-applikazzjoni *premium*
3. (KEE) Nru 739/93	Għajnuna għal kull 100g ta' ħalib imsemmi fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar kalendarju li fih jiġi kkunsinnat il-halib
4. (KEE) Nru 740/93	A. Kumpens għal skontinwazzjoni definittiva tal-produzzjoni tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 1	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-1 ta' Settembru 1993
	B. Ammont ta' ffinanzjar Komunitarju msemmi fl-Artikolu 5	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-1 ta' Settembru 1993
	PARTI B: IL-BUTIR	
B.I. *Xiri b' intervent*		
1. (KEE) Nru 685/69	A. Il-prezz ta' xiri b'intervent	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tax-xiri f'intervent
	B. Il-Prezz tal-merkanzija difettuża msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 6(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tax-xiri f'intervent
2. (KEE) Nru 1589/87	Il-prezz ta' offerta aċċettat imsemmi fl-Artikolu 3(3)(ċ)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data ta' xiri f'intervent
B.II. *Il-prezz tal-bejgħ*		
1. (KEE) Nru 1282/72	Il-prezz imraħħas tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 2	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid
2. (KEE) Nru 1717/72	Il-prezz imraħħas tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 3(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid
3. (KEE) Nru 2315/76	A. Il-prezz tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 2(1)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data ta' ħlas
	B. Il-prezz ta' offerta għal għajnuna ta' l-ikel skond l-Artikolu 3a	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid
	Ċ. Il-prezz imraħħas tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 4(1)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid
4. (KEE) Nru 3143/85	A. Il-prezz imraħħas tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 2(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
	B. Il-prezz ta' offerta aċċettat taħt il-proċedura ta' offerta msemmija fl-Artikolu 2a(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
	Ċ. Il-prezz minimu tal-bejgħ imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2a(4)	Ir-rata ta' konverżjoni applikabbli fid-data tal-ħlas
5. (KEE) Nru 2409/86	A. Il-Prezz ta' offerta aċċettat taħt il-proċedura ta' offerta msemmija fl-Artikolu 19(2)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
	B. Il-prezz tal-bejgħ determinat imsemmi fl-Artikolu 26(2)(b)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
	C. Il-prezz tal-bejgħ determinat imsemmi fl-Artikolu 27b(b)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
6. (KEE) Nru 570/88	Il-prezz ta' offerta aċċettat taħt il-proċedura ta' offerta msemmija fl-Artikolu 16(2)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas

Ir-Regolament	L-Ammonti kkonċernati	Ir-Rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata
7. (KEE) Nru 3378/91	Il-prezz ta' offerta aċċettat imsemmi fl-Artikolu 5(2)(d)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
B.III. *Għajnuniet*		
1. (KEE) Nru 2191/81	Għajnuna għax-xiri ta' butir minn istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt imsemmija fl-Artikolu 2(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li għaliha l-ordni tal-kunsinna msemmija fl-Artikolu 3 hija applikabbli
2. (KEE) Nru 2192/81	Għajnuna għax-xiri ta' butir mill-armati u forzi simili msemmija fl-Artikolu 2(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li għaliha l-ordni tal-kunsinna msemmija fl-Artikolu 3 hija applikabbli
3. (KEE) Nru 2990/82	L-Ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja msemmi fl-Artikolu 3	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fil-bidu tas-sena tas-suq għal ħalib u prodotti tal-ħalib
4. (KEE) Nru 570/88	A. L-Ammont ta' għajnuna aċċettata taħt il-proċedura ta' offerta msemmija fl-Artikolu 16(3)(d)	(i) ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih it-tracers imsemmija fl-Artikolu 3(a) huma miżjuda (ii) Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih il-butir ikkonċentrat huwa ffabbrikat skond l-ewwel inciż ta' l-Artikolu 22(3)(b) (iii) Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih il-butir mingħajr tracers ġie inkorporat fil-prodotti intermedji jew finali msemmija fl-Artikolu 3(b)
	B. L-Ammont ta' tnaqqis ta' għajnuna msemmi fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 22a(4)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih iż-żmien perentorju impost huwa eċċedut
5. (KEE) Nru 429/90	L-ammont ta' għajnuna għal butir ikkonċentrat mogħti taħt il-proċedura ta' offerti msemmija fl-Artikolu 8(2)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel tax-xahar li fih l-butir ikkonċentrat ġie ffabbrikat u rċieva t-tracers skond l-Artikoli 8 u 9

PARTI Ċ: TRAB TAL-ĦALIB

ċ.I. *Ix-Xiri*		
1. (KEE) Nru 625/78	A. Il-prezz tax-xiri	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tad-teħid f'intervent
	B. Il-prezz tal-merkanzija difettuża msemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(6)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid f'intervent
2. (KEE) Nru 1158/91	Il-prezz ta' offerta aċċettat taħt il-proċedura ta' offerti msemmija fl-Artikolu 3(3)(ċ)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tad-teħid f'intervent
ċ.II. *Il-prezz tal-bejgħ*		
1. (KEE) Nru 2213/76	Il-prezz tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 2(1)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
2. (KEE) Nru 368/77	Il-prezz ta' offerta aċċettat taħt il-proċedura ta' offerti msemmija fl-Artikolu 9(2)(ċ)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
3. (KEE) Nru 443/77	A. Il-Pagament imsemmi fl-Artikolu 5(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
	B. Il-Bilanċ tal-prezz tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 5(2)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
4. (KEE) Nru 2270/79	A. Il-Pagament imsemmi fl-Artikolu 5(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
	B. Il-Bilanċ tal-prezz tal-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 5(2)(a)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
5. (KEE) Nru 3398/91	Il-Prezz ta' offerta aċċettat taħt il-proċedura ta' offerta msemmija fl-Artikolu 6(2)(ċ)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas

Ir-Regolament	L-Ammonti kkonċernati	Ir-Rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata
ċ.III. *Għajnuniet*		
1. (KEE) Nru 1105/68	L-Ammont ta' għajnuna għal ħalib xkumat għall użu f'għalf imsemmi fl-Artikolu 1a (3)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-: (i) ewwel jum tax-xahar li fih il-ħalib xkumat imsemmi fl-Artikolu 2 huwa żnaturat (ii) ewwel jum tax-xahar li għalih id-dikjarazzjoni fix-xahar hija mfassla fir-rigward ta' l-użu ta' trab tal-ħalib xkumat skond l-Artikolu 5a (iii) ewwel jum tax-xahar li fih il-butir jew il-krema huma prodotti għal ħalib xkumat użat skond l-Artikoli 6 u 8a
2. (KEE) Nru 1844/77	L-Ammont ta' għajnuna speċjali aċċettata taħt il-proċedura ta' offerti msemmija fl-Artikolu 4(3)(b)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih l-operazzjoni ta' żnaturar imsemmija fl-Artikolu 9 titwettaq
3. (KEE) Nru 1534/85	Ammonti ta' għajnuna għal ħalib xkumat u trab tal-ħalib xkumat għall-użu fl-għalf imsemmi fl-Artikolu 1	Ir-rata ta' konverżjoni applikabbli fl-: (i) ewwel jum tax-xahar li fih it-trab tal-ħalib xkumat huwa żnaturat jew ipproċessat f'għalf kompost skond ir-Regolament (KEE) Nru 1725/79 (ii) id-data ta' l-iskrizzjoni li tidher fil-kaxxa A tal-kopja ta' kontroll T 5 imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1624/76
PARTI D: PRODOTTI OĦRA *U L-AMMONTI*		
1. (KEE) Nru 1107/68	A. Prezzijiet ta' intervent għal ġobnijiet Grana Padano u Parmigiano Reggiano	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid f'intervent
	B. Il-Prezz ta' merkanzija difettuża msemmi fl-Artikolu 3(3)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid f'intervent
	Ċ. Spejjeż addizzjonali tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 5(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid f'intervent
2. (KEE) Nru 685/69	A. Spejjeż tal-ħażna msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 6(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid fis-sens ta' l-Artikolu 6(1)
	B. Spejjeż addizzjonali tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 8(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tad-teħid fis-sens ta' l-Artikolu 6(1)
3. (KEE) Nru 625/78	A. L-Ispejjeż tal-ħażna msemmija fl-Artikolu 2(6)(a) u (b)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tat-teħid tal-merkanzija kkonċernata
	B. Spejjeż addizzjonali tal-ħażna msemmija fl-Artikolu 5(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tad-teħid tal-merkanzija kkonċernata
4. (KEE) Nru 2167/83	L-Ammont ta' għajnuna għal ħalib ta' l-iskola msemmi fl-Artikolu 4(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar tal-perjodu li għalih l-applikazzjoni ta' l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 7(3) hija sottomessa
5. (KEE) Nru 2742/90	L-ammont dovut skond l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2204/90 imsemmi fl-Artikolu 4(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data tal-ħlas
6. (KEE) Nru 2921/90	L-Ammont ta' għajnuna għall-fabbrikazzjoni ta' kaseina u kaseinati msemmija fl-Artikolu 2(1)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih il-kaseina u l-kaseinati huma ffabbrikati
7. (KEE) Nru 3763/91	L-ammont ta' għajnuna għall-konsum ta' prodotti tal-ħalib frisk imsemmija fl-Artikolu 6	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar ta' l-użu tal-ħalib għall-produzzjoni ta' prodotti ta' ħalib frisk ikkonċernati
8. (KEE) Nru 2164/92	L-ammonti ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data ta' charging tal-liċenza msemmija fl-Artikolu 4(1)

Ir-Regolament	L-Ammonti kkonċernati	Ir-Rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata
9. (KEE) Nru 2219/92	L-ammonti ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fid-data ta' charging tal-liċenza msemmija fl-Artikolu 3(1)
10. (KEE) Nru 2234/92	L-ammont ta' għajnuna għal kull 100 kg ta' ħalib imsemmi fl-Artikolu 1(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih il-ħalib huwa wżat skond l-Artikolu 2(1)(a)
11. (KEE) Nru 2235/92	L-ammont ta' għajnuna għal kull 100 kg ta' ħalib imsemmi fl-Artikolu 1(2)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih il-ħalib huwa wżat skond l-Artikolu 2(1)(a)
12. (KEE) Nru 585/93	Il-prezz ta' offerta msemmi fl-Artikolu 4(1)(d)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-14 ta' April 1993
13. (KEE) Nru 619/93	Il-Prezz ta' offerta msemmi fl-Artikolu 4(1)(ċ)	Ir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fil-15 ta' Mejju 1993